Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 192 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Elliot Magri

Vs

Damien Cesare

Illum 23 ta' Gunju, 2020,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Damien Cesare prezentat fir-registru ta' din l-Qorti nhar it-22 ta' Novembru , fejn stqar li huwa mahkum bil-vizzju ta' droga u b''kawza ta' dan dahal f'hafna problemi.

Illi huwa kien taht il-kura tal-psikjatra David Cassar u professjonisti ohra li hadu hsiebu f'dan il-perijodu u kemm il-darba pprova johrog minn dan il-vizzju mishut.

Ghaldaqstant talab li jkun applikabbli ghalih l-artikolu 8 tal- kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Novembru, 2019 fejn ordnat notifika lill-Avukat Generali.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Novembru, 2019 fejn ippremmeta s-segwenti:-

Illi fil-fehma umli tieghu ir-rikorenti ma jissodisfax il-kundizzjoni elenkata fl-Artikolu 8 (2) (b) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta stante li t-tieni imputazzjoni dedotta kontra r-rikorrenti ossia r-reat ikkontemplat mill-artikolu 251(B) tal-kodici Kriminali jikkonsisti f'reat volontarju kontra l-persuna. Ir-rikorrenti irregistra ammissjoni *inter alia* ghal dan ir-reat.

Illi *di piu* fl-istqarrija tar-rikorrenti datata 4 ta' Awwissu, 2016 senjatament a fol. 9 tal-atti processwali hemm miktub is-segwenti:

M. *Inti ghandek problemi, vizzji jew tiehu xi kura?*

***T*. <u>*Le Sigaretti biss*</u>** *( sottolinear u enfasi tal-esponenti)*

L-Avukat Generali zied jghid li fil-fehma ta' l-esponenti ir-rikorrenti ma jissodisfax ukoll il-kundizzjoni elenkata fl-artikolu 8(2)(a) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta stante li fl-istqarrija tieghu b'mod kategoriku wiegeb li hu ghandu l-vizzju li jpejjep is-sigaretti u bl-ebda mod ma jsemmi li ghandu l-vizzju tad-droga. Konsegwentement, r-rikorrenti ghadu ma jistax jargumenta li r-reati li huwa kkommetta u ghal liema irregistra ammissjoni huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dependenza ppruvata fuq id-droga tar-rikorrent.

Ghalhekk a bazi tas-suespost l-Avukat Generali qed joggezzjona ghat-talba rikorrenti.

In sostern tat-talba tieghu l-avukat difensur tar-rikorrenti, Dr Joe Brincat talab fis-seduta tat-28 ta Jannar 2020 li iressaq xi xhieda biex jixhdu dwar dak allegat minnu u cioe lil Dr David Cassar u Petra Scicluna li allegament jafu dwar l-probema ta abbuz ta droga li ghandu r-rikorrent.

**Petra Scicluna** xehdet nhar is-26 ta' frar, 2020 stqarret li r-rikorrenti beda jattendi sessjonijiet maghha, waqt li kien qieghed il CORS ( Centre of restorative Services) u dan fi Frar 2019 qisu xi xaghrejn wara li kien dahalil-habs.

Spjegat li baghtet ghalih xi hmsitax-il darba sakemm intemmet is-sentenza ta' prigunerija li huwa kellu. Tghid li l-attendenza tieghu dejjem kienet regolari. Qalet li dawn is-sessjonijiet kienu diretti sabiex jindirizzaw il-problema li huwa kellu ta' abbuz ta' droga. Qalet li dejjem kien rispettabli u wera impenn ghall-istruttura terapewtika kif jidher car mill-attendenza regolari tieghu. Huwa wera livell tajjeb ta' motivazzjoni biex jindirizza aspetti relatati mad-droga. Tant li anke wasal biex jitlob l-ghajnuna minn jeddu fil-komunita biex ikompli jahdem fuq il-problema ta' droga.

Ghalhekk gie riferut ghal Drugs Community Team tal-Agenzija Sedqa li bdew isegwuh fl-ahhar fazi tal- inkarcerazzjoni tieghu. Tghid li kien isibha difficli izomm lura mid-droga meta kien barra il-habs Fil-fat tispjega li din kienet twaslu biex jesperjenza problemi familjari, emozzjonali kif ukoll illegali tant li kien jikkommetti ir-reati meta kien ikun taht l-influwenza ta' xorb u droga Kokajina.

Spjegat ukoll li din il-problema tidher ukoll li kienet tilhaq il-kriterji tad-dijanosi skond il-Hames edizzzjoni tad-DSM (Diagnostic Statistical Manueal). Id-dijanozi hija ta' Stimulant Related Disorder li hija relata ma natura severa.

Spjegat li dan ifisser li Cesare waqt il-kumissjoni tal-allegat reat kien qieghed juri sitta jew aktar kriterji identifikati fid DSM. Qalet li kellu aptit inkontrollabli sabiex jabbuza mid-droga u din ukoll kienet tidher prezenti fil-hajja ta' Cesare fejn jghid li ma kienx jista jikkontrolla l-uzu tad-droga. Kien anke waqt il-hin tax-xoghol jiehu d-droga u jekk ma jiehux ma setax jikkopja mal-hajja ta' klujum. Maz-zmien minhabba iz zieda fit-tolleranza kien hemm zieda fil-konsum Dan kien jidher evidenti ghaliex kien izid id-doza tal-Kokajina u minn sempliciment mezz ta' rikreazzjoni jew abbuz okkazzjonali spicca jabbuza b'mod regolari sa 5 grammi kuljum zieda fil-konsum ghall-perijodi twal.

Spejgat li beda juza d-droga meta kellu erbatax-il sena u baqa' dejjem izid id-doza tad-droga . Kien hemm xewqa li jnaqqas jew jieqaf mill-konsum imma ma setghax. Qalet ukoll li irrizultalha li Cesare kien jaqbad argumenti mal-partner tieghu sabiex ikolllu skuza biex johrog mid-dar biex jixrob u jabbuza mid-droga. Kien iqatta' hin twil f'cetu attivitajiet partikolari biex jinqeda bid—droga. Kelllu gibda u kilba kbira biex jabbuza mill-Kokajina u kien hemm ukoll persistenza fl-abbuz ta' droga minkejja il-konsegwenzi fuq familtu u sahtu u konsegwenzi legali li huma evidenti. Cesare spjegalha li meta kien jixrob kien jigi aggressiv u ghalhekk kien ikollu anke problema fir-relazzjonijiet . Kien hemm ukoll uzu ta' stimulant minkejja gharfien li kien qed isofri problemi psikologici jew ta' sahha li setghu kienu konsegwenza ta' uzu ta' sustanzi.

Fir-rwol ta' progress jidher mis-sessjonijiet li Cesare ghamel hiltu biex jindirizza l-problema ta' uzu ta' droga, kif ukoll itejjeb ir-relazzjonijiet mal-familjari tieghu u l-kwalita tal-hajja b'mod generali Kien hemm perijodu fejn il-livell ta' motivazzjoni naqas xi ftit imma deher li anke f'dan il-perijodu irrikorra ghall-ghajnuna u kkommetta ruhu ghas-sessjonijiet psikologici.

B'zieda fl-gharfien u l-abilta lis-sur Cesare, huwa fittex u talab ghall-ghajnuna b'mod xieraq tant li anke talab ghas- servizzi tal *after care* la darba tintemm is-sentenza tieghu gewwa il- Facilita Korrettiva ta' Kodin. Gie innutat progress billi qed jassumi aktar responsabilita ghall-ghazliet li jaghmel. Cesare dejjem kien motivat biex jahdem u wera impenn ghax-xoghol tieghu bit- tibdil tieghu posittiv li wettaq fl-imgieba tieghu u fl-atitudini tieghu anke waqt inarkcerazzjoni huwa kien inghata l-opportunita sabiex johrog jahdem fil-komunita , liema impieg kellu izomm la darba tintem is-sentenza tieghu. Il-feed back li kellha kien wiehed posittiv.

**Dr. David Casar** xehed nhar is-26 ta' Frar ,2020 jghid li ma jafx lir-rikorrenti pero gab in-notamenti li ghandu li hass li huma relevanti. Spjega li dawn huma noti li hemm fis-sistema taghhom ta' Bormla Health Centre. Qal li r-rikorrenti kien gie riferut lilhom fit-23 ta' Awwissu,2018. In-notament tat-tabib li rrefera lir-rikorrenti stqarr li Cesare kein qieghed il Habs u kellu nuqqas ta aptit .

Ghalhekk baghtu ghalih fit-3 ta' Settembru u dak in-nhar stess irrizulta li Cesrae beda ighid li kien aggressiv u li l-medicinali li kien qed jiehu ma kienux qed ighinuh u ddecidew dakinhar stess li jibghatuh ghall- vizita  Mater Dei  biex jigi invistat mill - Crisis Team. Imbaghad inghata appuntament iehor ghall-11 ta' Settembru li gie differit ghad-9 ta' Ottubru, 2019

Fis-7 ta' Ottubru, cemplulu biex ifakruh fl-appuntament . Regghu cemplulu fid-9 ta' Ottubru biex ifakruh fl-appuntament  izda ma setghux jaqbduh. Kelmu kemm lil ommu u lit-tfajla tieghu  biex jghidulhom biex jfakru lil Cesare fl-appuntament li kellu . Pero skond ma qalet it-tfajla tieghu u hemm raportat li  Cesare irrifjuta l-ghajnuna  u minn dak iz-zmein 'l quddiem ma kellux aktar kuntatt mieghu.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta  ai fini tat-talba  tal-appellanti  u cioe li:-

8. *(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti,  il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema',  toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista jghamel talba quddiem din il-Qorti u cioe sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:_

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t- tieni kundizzjoni u cioe

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (2) huma dawn li ġejjin:

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk l-kundizzjoniji imsemmija fis-sub inciz (1) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.

Illi fil-kaz in esami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti ma jeccedux is-sebgha snin u dan ghaliex il-piena applikabbli fir-rigward ta' l-ewwel akkuza kif dispost fl-artikolu 86 u cioe ta' arrest illegali f'kaz ta' htija il-piena f'kaz ta htija hi dik ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn, filwaqt li l-piena applikabbli ghat-tieni akkuza u cioe dik fejn il-kwerealnti tibza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront taghha jew fir-rigward tal-famljari taghha kif dispost fl-artikolu 251A tal kap 9 il-piena aapplikabbli hija ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux

inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Ghalhekk ic-cirkostanzi imsemmija fis-sub inciz (1) tal-artikolu 8 tal kap 538 ma hiex ta deterrent ghall-applikazjoni ta dan l-artikolu pero l-Qorti issa trid tesamina is-sub artikolu( 2) biex tara jekk jirrizultawx ic-0cirkostanzi kontemplati hemm.

Jidher li fil-perijodu meta r-rikorrenti kkometta ir-reati in kwisjtoni u cioe fi Awwissu 2016 l-appellant kien dependent fuq id-droga minkejja li fl-istqarija teighu qal li m'ghandux vizzju ohra salv it-tipjip, pero jirrizulta minn qari tal-akkuzi li it-tieni reat moghti fil-konfront tal-appellant hu wiehed volontarju kommess kontra l-persuna u ghalhekk jiskatta is-sub artikolu (b) (2) tal-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta Malta u konsegwentement hemm projbizzjoni mill-ligi sabeix ikun hemm konvesjoni ghal Qorti ta' Droga.

Appati minn dan lanqas ma jirrizuta mill-atti "li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga" kif kontemplat fis-sub inciz ( c) tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 8 tal kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ghalhekk hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li dak dipost fl-artikolu 8 (2) (b) u(c) tal kap 537 tal-ligijeit ta Malta ma giex sodisfatt u konsegwentement tichad it-talba tal-appellanti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur